Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2024/0318(COD)

20.5.2025

EMENDI
51 - 259

Abbozz ta' rapport
Stefano Bonaccini
(PE773.115v01-00)

Il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar responsabbli għall-infurzar tad-Direttiva (UE) 2019/633 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari

Proposta għal regolament
(COM(2024)0576 – 2024/0318(COD))

Emenda 51
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] introduċiet standard minimu ta' protezzjoni tal-Unjoni kontra prattiki kummerċjali inġusti biex titnaqqas l-okkorrenza ta' prattiki li x'aktarx ikollhom impatt negattiv fuq l-istandards tal-għajxien tal-komunità agrikola.	(1) Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] introduċiet standard minimu ta' protezzjoni tal-Unjoni kontra prattiki kummerċjali inġusti biex titnaqqas l-okkorrenza ta' prattiki li x'aktarx ikollhom impatt negattiv fuq l-istandards tal-għajxien tal-komunità agrikola***, u konsegwenzi negattivi fuq il-bdiewa u l-ħaddiema, bħal profitti aktar baxxi, spejjeż ogħla milli dawk stmati, produzzjoni żejda u ħela ta' ikel, u diffikultajiet fl-ippjanar finanzjarju. Dawn il-prattiki jikkompromettu s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu u, finalment, jillimitaw l-għażla tal-konsumatur. Mekkaniżmu ta' koordinazzjoni msaħħaħ bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-livell tal-UE huwa essenzjali biex jiġi żgurat infurzar konsistenti u effettiv ta' dawn l-istandards u biex tiġi pprevenuta kwalunkwe forma ta' dumping soċjali jew ambjentali. Barra minn hekk, huwa kruċjali wkoll infurzar strett biex jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra li tespandi l-lista ta' prattiki kummerċjali inġusti pprojbiti biex tipproteġi aħjar lill-fornituri l-aktar vulnerabbli u tiggarantixxi kummerċ ġust fil-katina tal-provvista alimentari***.
[3] Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59, ELI:	[3] Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59, ELI:

http://data.europa.eu/eli/dir/2019/633/oj).	http://data.europa.eu/eli/dir/2019/633/oj).

Or. en

Emenda 52
Valérie Hayer, Charles Goerens, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-ewwel evalwazzjoni tad-Direttiva 2019/633 hija mistennija sal-1 ta' Novembru 2025. Ir-rapport tal-2024 dwar l-infurzar tad-direttiva wera l-persistenza tal-iżbilanċi fil-katina agroalimentari, li żżid l-aspettattiva għal proposta biex tiġi emendata d-direttiva sabiex jiġu żgurati setgħat ta' negozjar suffiċjenti għall-partijiet ikkonċernati kollha.

Or. en

Emenda 53
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti, li jgħid li l-Kummissjoni għandha twettaq l-ewwel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin ta' dik l-evalwazzjoni sal-1 ta' Novembru 2025;

Or. en

Emenda 54
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Wara li kkunsidra s-sejbiet tar-Rapport tal-2024 dwar l-infurzar tad-Direttiva (UE) 2019/633 li juri l-frammentazzjoni tax-xenarju legali tal-UE u l-persistenza ta' żbilanċ fis-setgħa ta' negozjar li kulma jmur qed jikber fil-katina agroalimentari tal-UE, u għalhekk il-ħtieġa ta' proposta leġiżlattiva li temenda d-Direttiva; wara li kkunsidra t-tweġibiet għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rieżami tad-Direttiva, fejn bosta minn dawk li wieġbu appellaw għal rieżami biex il-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż għall-operaturi kollha irrispettivament mid-daqs tagħhom;

Or. en

Emenda 55
Martin Häusling, David Cormand
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. ***L-awtoritajiet tal-infurzar jiltaqgħu ma' diffikultajiet simili fir-rigward tal-prattiki kummerċjali tal-alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut — entitajiet tranżnazzjonali kbar li l-attivitajiet***

mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturи ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.

tagħhom għandhom komponent transfruntier inerenti — u x-xerrejja membri tagħhom minn Stati Membri u pajjiżi terzi differenti. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturи ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera, u, f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri, li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tassumi r-rwol ta' koordinatur***.

Or. en

Emenda 56
Valérie Hayer, Charles Goerens, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru ***l-informazzjoni***, ***biex*** isibu ksur u ***biex*** jimponu u jinfurzaw multi u penali ***oħrajn li jkunu*** ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturи ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru ***informazzjoni***, isibu ksur u jimponu u jinfurzaw multi u penali ***oħra*** ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor***, inkluż meta x-xerrej ikun alleanza Ewropea tal-bejgħ bl-imnut, peress li jkollhom strateġija inerenti ta' xiri transfruntier, anke meta l-oġġetti akkwistati jkunu maħsuba għas-suq tal-Istat Membru tal-oriġini***. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali

tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.	inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera. Dan jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista u b'hekk jiżgura livell ta' għajxien aktar ġust u stabbli***.
	Or. en

Emenda 57
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. ***Dan jgħodd b'mod partikolari għall-alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut, li huma entitajiet tranżnazzjonali kbar ħafna li l-prattiki tagħhom ikollhom komponent transfruntier inerenti.*** Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera***.
	Or. en

Emenda 58
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. ***Dan jgħodd b'mod partikolari għall-alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut, li huma entitajiet tranżnazzjonali kbar ħafna li l-prattiki tagħhom ikollhom komponent transfruntier inerenti.*** Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera***.

Or. en

Emenda 59
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru

l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.

l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. ***Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għall-alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut, li jkollhom attivitajiet tranżnazzjonali, li l-prattiki tagħhom ikollhom komponent transfruntier inerenti.*** Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera***.

Or. en

Emenda 60
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk

huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.	huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera, filwaqt li jiġu rrispettati l-awtonomija legali u amministrattiva tal-Istati Membri u l-każistika nazzjonali eżistenti***.

Or. pl

Emenda 61
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-fornituri ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu ***l-kooperazzjoni*** bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor. Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-fornituri ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu ***l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/633 u li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar il-kooperazzjoni*** bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera***.

Or. ro

Emenda 62
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor**.** Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***tal-ikel*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntieri***.	(3) Minħabba l-prinċipju tat-territorjalità, l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiġbru l-informazzjoni, biex isibu ksur u biex jimponu u jinfurzaw multi u penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi meta xerrej ***jew fornitur*** ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor ***jew barra mill-Unjoni Ewropea;*** Diffikultajiet bħal dawn jaffettwaw is-sistema ta' infurzar stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/633, li tiddependi fuq il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, u jistgħu jwasslu għal infurzar mhux uniformi ta' prattiki kummerċjali inġusti, li jimminaw il-protezzjoni għall-forniturі ta' prodotti agrikoli u ***alimentari*** maħsuba minn dik id-Direttiva. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli li jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar f'każijiet ***transfruntiera***.

Or. en

Emenda 63
Valérie Hayer, Charles Goerens, Ciaran Mullooly, Christine Singer, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Minħabba li d-Direttiva 2019/633 għandha wkoll l-għan li tipproteġi kontra prattiki kummerċjali inġusti li jinvolvu forniturі jew xerrejja minn barra l-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri wkoll regoli għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri fir-rigward ta' prattiki kummerċjali inġusti li jinvolvu bejjiegħa u xerrejja stabbiliti barra mill-Unjoni u li huma pprojbiti mid-Direttiva.

Or. en

Emenda 64
Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Ifakkar li l-eżiti tar-rapport tal-2024 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/633 juru biċ-ċar l-iżbilanċi persistenti fi ħdan il-katina tal-valur agroalimentari;

Or. fr

Emenda 65
Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Jenfasizza l-influwenza dejjem tikber tal-alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut, li huma strutturi transnazzjonali fuq skala kbira li jlaqqgħu flimkien bejjiegħa bl-imnut minn diversi Stati Membri, u jesprimi tħassib li dawn l-alleanzi jistgħu, fil-prattika, jevitaw ċerti dispożizzjonijiet legali nazzjonali u b'hekk jimminaw il-koerenza tas-suq intern u jaggravaw l-iżbilanċi fil-katina tal-provvista agroalimentari; jenfasizza li tali alleanzi jistgħu jimminaw l-objettivi tad-Direttiva (UE) 2019/633, jiġifieri li tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur agroalimentari;

Or. fr

Emenda 66
Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3c) Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2019/633 bil-ħsieb li tiżdied il-protezzjoni offruta għall-fornituri billi jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex jinkludi n-negozji kollha u billi tiżdied iċ-ċirkomvenzjoni tal-liġijiet nazzjonali permezz ta' alleanzi Ewropej tax-xiri mal-lista ta' prattiki kummerċjali inġusti;

Or. fr

Emenda 67
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***għandu*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament ***għandu*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din.	(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***jenħtieġ li*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli***, sakemm ma jikkwalifikawx bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008 "Ruma 1", bħalma huma l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 skont l-Artikolu 3(4) ta' dik id-Direttiva***. Madankollu, ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-

rigward ta’ regoli bħal dawn. F’dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma’ talba bħal din***, ħlief meta tikkonċerna l-ksur ta’ dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008 li għandu l-għan li jiggarantixxi l-provvista sostenibbli ta’ prodotti alimentari ta’ kwalità għolja lill-konsumaturi***.

Or. en

Emenda 68
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***għandu*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament ***għandu*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta’ assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta’ regoli bħal dawn. F’dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma’ talba bħal din.	(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***jenħtieġ li*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli***, sakemm ma jikkwalifikawx bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008 “Ruma 1”, bħalma huma l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 skont l-Artikolu 3(4) ta’ dik id-Direttiva***. Madankollu, ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta’ assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta’ regoli bħal dawn. F’dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma’ talba bħal din***, ħlief meta tikkonċerna l-ksur ta’ dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-***

sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008 li għandu l-għan li jiggarantixxi l-provvista sostenibbli ta' prodotti alimentari ta' kwalità għolja lill-konsumaturi.

Or. en

Emenda 69
David Cormand

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***għandu*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament għandu jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din.	(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***jenħtieġ li*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli***, sakemm ma jikkwalifikawx bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008 "Ruma 1", bħalma huma l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 skont l-Artikolu 3(4) ta' dik id-Direttiva***. Madankollu, ir-Regolament għandu jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din***, sakemm ma jkunux prevalenti d-dispożizzjonijiet obbligatorji fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008 "Ruma 1"***.

Or. en

Emenda 70
Valérie Hayer, Charles Goerens, Ciaran Mullooly, Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***għandu*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament ***għandu*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta ***għandu*** jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din.	(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, ***jenħtieġ li*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta ***jenħtieġ li*** jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din***, ħlief meta tikkonċerna l-ksur ta' dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2008/593 Ruma 1 li għandu l-għan li jiggarantixxi l-provvista sostenibbli ta' prodotti alimentari lill-konsumaturi u ktajjen tal-provvista stabbli***.

Or. en

Emenda 71
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali	(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali

inġusti, ***għandu*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament ***għandu*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta ***għandu*** jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din.	inġusti, ***jenħtieġ li*** jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament ***jenħtieġ li*** jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta ***jenħtieġ li*** jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din***, jekk ir-rifjut ikun motivat minn raġunijiet elenkati f'din il-proposta skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 72
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, għandu jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament għandu jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din.	(4) Minħabba li d-Direttiva (UE) 2019/633 tippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu regoli nazzjonali aktar stretti kontra prattiki kummerċjali inġusti, għandu jiġi ċċarat li dan ir-Regolament ma jkoprix dawk ir-regoli. Madankollu, ir-Regolament għandu jippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar tagħhom jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiskambjaw informazzjoni stabbilita skont il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka stabbilit minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli bħal dawn. F'dawk il-każijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar xorta għandu jkollhom id-dritt li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba bħal din***, dment li tingħata raġuni għal tali rifjut***.

Or. fr

Emenda 73
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux obbligati jassistu fl-infurzar ta' projbizzjonijiet ta' prattiki kummerċjali inġusti li jmorru lil hinn mil-lista armonizzata tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 74
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi, b'mod partikolari billi jnaqqsu l-ispejjeż għall-produtturi agrikoli biex iressqu lment dwar prattika kummerċjali inġusta, u garanziji ta' kunfidenzjalità, inkluża l-possibbiltà li jitressaq ilment anonimizzat;

Or. nl

Emenda 75
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(5a) Sabiex il-fornituri, b'mod partikolari l-bdiewa ż-żgħar, ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu kampanji ta' informazzjoni li jispjegaw kif u fejn jista' jitressaq ilment u liema salvagwardji proċedurali japplikaw.

Or. en

Emenda 76
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Sabiex jiżdied l-għadd ta' bdiewa u ortikulturisti li jieħdu vantaġġ mill-possibbiltajiet li jressqu lmenti dwar prattiki kummerċjali inġusti, u b'hekk tiżdied l-effettività tal-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw informazzjoni ċara u aċċessibbli biżżejjed dwar il-possibbiltajiet li jitressqu lmenti u lmenti transfruntiera, kif ukoll id-dettalji ta' kuntatt u d-dispożizzjonijiet proċedurali;

Or. nl

Emenda 77
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-awtoritajiet tal-infurzar ***għandu*** jkollhom is-setgħa li jipprovdu lil xulxin kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi u jużawha bħala evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, inkluża informazzjoni kunfidenzjali. L-	(6) L-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li*** jkollhom is-setgħa li jipprovdu lil xulxin kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi u jużawha bħala evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, inkluża informazzjoni kunfidenzjali. L-

informazzjoni skambjata ***għandha*** tintuża biss bħala evidenza għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/633 u fir-rigward tas-suġġett li għalih tkun inġabret mill-awtorità trażmittenti.	informazzjoni skambjata ***jenħtieġ li*** tintuża biss bħala evidenza għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/633 u fir-rigward tas-suġġett li għalih tkun inġabret mill-awtorità trażmittenti. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għal informazzjoni li hija kunfidenzjali jew li tistà tikkostitwixxi sigriet kummerċjali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u kummerċjali.***
	Or. pl

Emenda 78
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-awtoritajiet tal-infurzar ***għandu*** jkollhom is-setgħa li jipprovdu lil xulxin kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi u jużawha bħala evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, inkluża informazzjoni kunfidenzjali. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss bħala evidenza għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/633 u fir-rigward tas-suġġett li għalih tkun inġabret mill-awtorità trażmittenti.	(6) L-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li*** jkollhom is-setgħa li jipprovdu lil xulxin kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi u jużawha bħala evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, inkluża informazzjoni kunfidenzjali***, filwaqt li jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/679 u tad-Direttiva (UE)2016/943. Il-mod ta' trażmissjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali jenħtieġ li jitwettaq abbażi ta' proċedura unika, li tiżgura standardizzazzjoni tat-trażmissjoni tal-informazzjoni***. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss bħala evidenza għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/633 u fir-rigward tas-suġġett li għalih tkun inġabret mill-awtorità trażmittenti.
	Or. ro

Emenda 79
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-awtoritajiet tal-infurzar ***għandu*** jkollhom is-setgħa li jipprovdu lil xulxin ***kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi u jużawha*** bħala evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, inkluża informazzjoni kunfidenzjali. L-informazzjoni skambjata ***għandha*** tintuża biss bħala evidenza għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/633 u fir-rigward tas-suġġett li għalih tkun inġabret mill-awtorità trażmittenti.	(6) L-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li*** jkollhom is-setgħa li jipprovdu lil xulxin ***u jużaw*** bħala evidenza f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom ***kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi***, inkluża informazzjoni kunfidenzjali***, b'assigurazzjoni sħiħa tal-kunfidenzjalità u l-anonimità jekk mitluba mill-ilmentatur***. L-informazzjoni skambjata ***jenħtieġ li*** tintuża biss bħala evidenza għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/633 u fir-rigward tas-suġġett li għalih tkun inġabret mill-awtorità trażmittenti.

Or. nl

Emenda 80
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) F'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u s-sovranità, l-Istati Membri huma intitolati jillimitaw jew jirrifjutaw il-kooperazzjoni prevista f'dan ir-Regolament meta l-politika ekonomika pubblika, l-awtonomija istituzzjonali tagħhom jew il-mudell agrikolu tagħhom x'aktarx li jiġu affettwati.

Or. fr

Emenda 81
Martin Häusling

f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni bla xkiel bejn l-awtoritajiet tal-infurzar, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kopertura tal-ispejjeż tal-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi evitat li t-talbiet għal assistenza reċiproka jirriżultaw fi spejjeż eċċessivi għall-awtoritajiet tal-infurzar mitluba, kwalunkwe spiża addizzjonali raġonevoli li tirriżulta għal miżuri meħuda mill-awtorità tal-infurzar mitluba sabiex tiġi ssodisfata talba minn awtorità applikanti skont l-Artikolu 5 jew 6 f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġġarrab b'mod ugwali bejn l-awtorità tal-infurzar mitluba u l-awtoritajiet applikanti. Madankollu l-awtorità tal-infurzar mitluba u l-awtorità applikanti jenħtieġ li jkunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż imġarrba fir-rigward tal-infurzar mill-multa miġbura, jew permezz tagħha jew mill-awtorità nazzjonali responsabbli għall-ġbir tal-multa.

Or. en

Emenda 82
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-awtoritajiet tal-infurzar ***għandhom*** jinfurmaw lil xulxin dwar prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera li tkun seħħet jew li tkun qiegħda sseħħ fit-territorju tagħhom.	(8) L-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li*** jinfurmaw lil xulxin ***u lill-Kummissjoni*** dwar prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera li tkun seħħet jew li tkun qiegħda sseħħ fit-territorju tagħhom.

Or. en

Emenda 83
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-awtoritajiet tal-infurzar ***għandhom*** jingħataw is-setgħa fit-territorju tagħhom stess u f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom li jinfurzaw deċiżjonijiet finali li jimponu ***multi jew*** penali ***oħrajn li jkunu ugwalment effettivi f'isem u għan-nom ta' awtoritajiet tal-infurzar oħrajn, jew jagħtu bidu għal proċedimenti għall-infurzar tagħhom***, dment li dawk l-awtoritajiet tal-infurzar ***l-oħrajn ikunu*** għamlu sforzi raġonevoli biex ***jiżguraw*** li x-xerrejja li kontrihom ***se*** jiġu infurzati ***l-multi jew penali oħrajn li jkunu ugwalment effettivi*** ma jkollhomx biżżejjed assi fl-Istati Membri ta' dawk l-awtoritajiet tal-infurzar ***oħrajn***.	(9) L-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li*** jingħataw is-setgħa fit-territorju tagħhom stess u f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom li jinfurzaw***, jew jibdew proċedimenti għall-infurzar ta'*** deċiżjonijiet finali li jimponu penali, dment li dawk l-awtoritajiet tal-infurzar ***l-oħra jkunu*** għamlu sforzi raġonevoli biex ***jaċċertaw*** li x-xerrejja li kontrihom ***għandhom*** jiġu infurzati ***l-penali*** ma jkollhomx biżżejjed assi fl-Istati Membri ta' dawk l-awtoritajiet tal-infurzar ***l-oħra***.

Or. pl

Emenda 84
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Wara talba minn awtorità tal-infurzar, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi kjarifiki espliċiti dwar l-infurzar transfruntiera tal-penali amministrattivi, inkluża l-kompatibbiltà tal-perjodi ta' limitazzjoni.

Or. ro

Emenda 85
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu proċedurali li jippermetti l-prijoritizzazzjoni ta' talbiet urġenti. Għalhekk, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' timmaniġġja aħjar l-isforzi biex tipprovdi tweġiba sal-iskadenza statutorja, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' kooperazzjoni tajba u fi spirtu li tipproteġi b'mod effettiv l-interessi leġittimi tal-partijiet affettwati fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari. Barra minn hekk, ikun utli li jiġi stabbilit mekkaniżmu għat-trattament ta' talbiet sussegwenti għal kjarifika mingħajr ma titkompla l-iskadenza ta' 45 jum.

Or. ro

Emenda 86
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-awtoritajiet tal-infurzar ***ma għandhomx ikunu intitolati*** li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba għal informazzjoni ***jew*** li jirrifjutaw li jipparteċipaw f'miżuri ta' infurzar ***sakemm ma jkunx probabbli li l-azzjonijiet ta' infurzar u d-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda fil-livell nazzjonali barra mill-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka jiżguraw il-waqfien tal-prattika***	(11) L-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li jkollhom is-setgħa*** li jirrifjutaw li jikkonformaw ma' talba għal informazzjoni ***u*** li jirrifjutaw li jipparteċipaw f'miżuri ta' infurzar***, f'każijiet ġustifikati u definiti***. L-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li f'kull każ*** jagħtu r-raġunijiet għal dan ir-rifjut.

kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera. ***Barra minn hekk,*** l-awtoritajiet tal-infurzar ***għandhom*** jagħtu r-raġunijiet għal dan ir-rifjut.

Or. pl

Emenda 87
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tkun tista' tiżviluppa formoli standard għal talbiet għal informazzjoni jew talbiet għal miżuri ta' infurzar. Dawk is-setgħat ***għandhom*** ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]. ***Finnuqqas ta' formoli standard żviluppati mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-infurzar għandhom ikunu intitolati li jiżviluppaw dawn il-formoli biex jiffaċilitaw il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka.***	(13) Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tkun tista' tiżviluppa formoli standard għal talbiet għal informazzjoni jew talbiet għal miżuri ta' infurzar. ***Jenħtieġ li*** dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].
[4] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).	[4] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

Or. pl

Ġustifikazzjoni

L-użu ta' formoli standard se jtejjeb il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri. Għalhekk għandu jkun obbligatorju li l-Kummissjoni tadottahom.

Emenda 88
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tkun tista' tiżviluppa formoli standard għal talbiet għal informazzjoni jew talbiet għal miżuri ta' infurzar. Dawk is-setgħat ***għandhom*** ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]. Fin-nuqqas ta' formoli standard żviluppati mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-infurzar ***għandhom ikunu*** intitolati li jiżviluppaw dawn il-formoli biex jiffaċilitaw il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka.	(13) Bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tkun tista' tiżviluppa formoli standard għal talbiet għal informazzjoni jew talbiet għal miżuri ta' infurzar***, għal talbiet għall-assistenza reċiproka, għall-mekkaniżmu proċedurali tal-prijoritizzazzjoni ta' talbiet urġenti u għall-ħruġ ta' twissijiet***. ***Jenħtieġ li*** dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]. Fin-nuqqas ta' formoli standard żviluppati mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-infurzar ***jenħtieġ li jkunu*** intitolati li jiżviluppaw dawn il-formoli biex jiffaċilitaw il-mekkaniżmu ta' assistenza reċiproka.
[4] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj)**.**	[4] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj)

Or. ro

Emenda 89
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Fir-rigward tar-rifjut tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, jenħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu ta' medjazzjoni, ikkoordinat jew rappreżentat mill-Kummissjoni Ewropea, biex jiġu ċċarati l-ambigwitajiet, jissolvew nuqqasijiet potenzjali mhux ġustifikati jew rifjuti ta' kooperazzjoni u jiġu evitati konġestjonijiet fil-proċess ta' assistenza reċiproka.

Or. ro

Emenda 90
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Meta jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera, li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn dik il-prattika ***għandhom ikunu*** jistgħu joħorġu twissijiet, jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet ikkoordinati u ***jaħtru*** koordinatur biex jikkoordina l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti li fit-territorji tagħhom jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ il-prattika. ***Sabiex jiġi stabbilit liema awtoritajiet*** tal-infurzar ***huma kkonċernati minn prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-aspetti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-post fejn huwa stabbilit ix-xerrej u l-post fejn jinsabu l-forniturі*** li jistgħu ***jiġu affettwati***	(14) Meta jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera, li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn dik il-prattika ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu joħorġu twissijiet, jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet ikkoordinati u ***jiddeżinjaw*** koordinatur biex jikkoordina l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti li fit-territorji tagħhom jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ il-prattika. ***Fil-prinċipju, ir-rwol ta' Koordinatur jenħtieġ li jitwettaq mill-awtorità*** tal-infurzar ***tal-Istat Membru fejn l-entità li tikser id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2019/633 ikollha l-uffiċċju prinċipali jew iċ-ċentru tal-interessi ekonomiċi tagħha, peress li għandha strumenti legali effettivi kontra l-***

mill-prattika kummerċjali inġusta. L-identifikazzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti mifruxa b'dimensjoni transfruntiera jenħtieġ li tiġi appoġġata mill-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' dawn il-prattiki kummerċjali inġusti b'dimensjoni transfruntiera. Il-koordinatur għandu jeżerċita l-kompetenza tiegħu fi ħdan qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati l-oħrajn. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati kollha ***għandhom*** jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-investigazzjoni fi stadju bikri u joħorġu twissijiet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera u jaqsmu l-informazzjoni meħtieġa disponibbli għalihom dwar prattiki bħal dawn.

kontraventur li jistgħu ***jwasslu għall-eliminazzjoni ta' prattika*** kummerċjali inġusta. L-identifikazzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti mifruxa b'dimensjoni transfruntiera jenħtieġ li tiġi appoġġata mill-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' dawn il-prattiki kummerċjali inġusti b'dimensjoni transfruntiera. Il-koordinatur għandu jeżerċita l-kompetenza tiegħu fi ħdan qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati l-oħrajn. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati kollha ***jenħtieġ li*** jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-investigazzjoni fi stadju bikri u joħorġu twissijiet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera u jaqsmu l-informazzjoni meħtieġa disponibbli għalihom dwar prattiki bħal dawn.

Or. pl

Emenda 91
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Meta jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera, li tinvolvi mill-anqas ***tliet*** Stati Membri, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn dik il-prattika ***għandhom ikunu*** jistgħu joħorġu twissijiet, jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet ikkoordinati u jaħtru koordinatur biex jikkoordina l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti li fit-territorji tagħhom jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ il-prattika. Sabiex jiġi stabbilit liema awtoritajiet tal-infurzar huma kkonċernati minn prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera, jenħtieġ li jiġu	(14) Meta jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera, li tinvolvi mill-anqas ***żewġ*** Stati Membri, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn dik il-prattika ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu joħorġu twissijiet, jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet ikkoordinati u jaħtru koordinatur biex jikkoordina l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet rilevanti li fit-territorji tagħhom jista' jkun li tkun qiegħda sseħħ il-prattika. Sabiex jiġi stabbilit liema awtoritajiet tal-infurzar huma kkonċernati minn prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni

kkunsidrati l-aspetti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-post fejn huwa stabbilit ix-xerrej u l-post fejn jinsabu l-forniturі li jistgħu jiġu affettwati mill-prattika kummerċjali inġusta. L-identifikazzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti mifruxa b'dimensjoni transfruntiera jenħtieġ li tiġi appoġġata mill-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' dawn il-prattiki kummerċjali inġusti b'dimensjoni transfruntiera. Il-koordinatur ***għandu*** jeżerċita l-kompetenza tiegħu fi ħdan qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati l-oħrajn. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati kollha ***għandhom*** jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-investigazzjoni fi stadju bikri u joħorġu twissijiet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera u jaqsmu l-informazzjoni meħtieġa disponibbli għalihom dwar prattiki bħal dawn.

transfruntiera, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-aspetti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-post fejn huwa stabbilit ix-xerrej u l-post fejn jinsabu l-forniturі li jistgħu jiġu affettwati mill-prattika kummerċjali inġusta. L-identifikazzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti mifruxa b'dimensjoni transfruntiera jenħtieġ li tiġi appoġġata mill-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' dawn il-prattiki kummerċjali inġusti b'dimensjoni transfruntiera. Il-koordinatur ***jenħtieġ li*** jeżerċita l-kompetenza tiegħu fi ħdan qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati l-oħrajn. Bl-istess mod, l-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati kollha ***jenħtieġ li*** jinvolvu ruħhom b'mod attiv fl-investigazzjoni fi stadju bikri u joħorġu twissijiet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-infurzar ikkonċernati minn prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera u jaqsmu l-informazzjoni meħtieġa disponibbli għalihom dwar prattiki bħal dawn.

Or. ro

Emenda 92
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14 a) Fid-dawl tal-piż finanzjarju u amministrattiv sinifikanti possibbli li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għall-awtoritajiet nazzjonali, b'mod partikolari fir-rwol ta' koordinazzjoni tagħhom u sabiex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu ggarantiti rimborż tal-ispejjeż tal-investigazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tipprovdi sorsi u regoli ċari għall-irkupru

tal-ispejjeż tal-proċedimenti mġarrba mill-awtoritajiet nazzjonali.

Or. pl

Emenda 93
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Għandhom*** jiġu stabbiliti proċeduri għall-koordinazzjoni ta' miżuri ta' investigazzjoni u infurzar relatati ma' prattiki kummerċjali inġusti mifruxa b'dimensjoni transfruntiera. Azzjonijiet ikkoordinati kontra prattiki kummerċjali inġusti mifruxa b'dimensjoni transfruntiera ***għandhom*** jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikunu jistgħu jagħżlu l-aktar għodod xierqa u effiċjenti biex iwaqqfu dawk il-prattiki.	(15) ***Jenħtieġ li*** jiġu stabbiliti proċeduri għall-koordinazzjoni ta' miżuri ta' investigazzjoni u infurzar relatati ma' prattiki kummerċjali inġusti mifruxa b'dimensjoni transfruntiera ***jenħtieġ li*** jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikunu jistgħu jagħżlu l-aktar għodod xierqa u effiċjenti biex iwaqqfu dawk il-prattiki ***kemm jista' jkun malajr***.

Or. ro

Emenda 94
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Għandhom jiġu elenkati l-każijiet fejn awtorità tal-infurzar ikkonċernata tista' tiddeċiedi li tirrifjuta li tipparteċipa f'azzjoni kkoordinata. ***B'mod partikolari, in-nuqqas ta' riżorsi disponibbli minnaħa ta' awtorità tal-infurzar ikkonċernata minn dik il-prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera ma għandux jitqies li jiġġustifika r-rifjut ta' parteċipazzjoni f'azzjoni kkoordinata.***	(16) Għandhom jiġu elenkati l-każijiet fejn awtorità tal-infurzar ikkonċernata tista' tiddeċiedi li tirrifjuta li tipparteċipa f'azzjoni kkoordinata.

Or. pl

Emenda 95
Martin Häusling, David Cormand
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Peress li d-Direttiva (UE) 2019/633 tipproteġi wkoll lill-fornituri fl-Unjoni kontra prattiki kummerċjali inġusti minn xerrejja stabbiliti barra mill-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi wkoll regoli għall-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri bejniethom fir-rigward ta' prattiki kummerċjali inġusti minn xerrejja stabbiliti barra mill-Unjoni u li huma pprojbiti mid-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. en

Emenda 96
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Peress li d-Direttiva (UE) 2019/633 tapplika għall-bejgħ fejn jew il-fornitur inkella x-xerrej, jew it-tnejn li huma, ikunu stabbiliti fl-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonċerna wkoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar Ewropej ma' korpi regolatorji, bordijiet nazzjonali tal-esportazzjoni, u ambaxxati jew awtoritajiet responsabbli oħra stabbiliti barra mill-UE.

Or. en

Emenda 97
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) L-investigazzjonijiet kriminali u l-proċedimenti ġudizzjarji fl-Istati Membri ***ma għandhomx jiġu*** affettwati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(19) L-investigazzjonijiet kriminali u l-proċedimenti ġudizzjarji fl-Istati Membri ***jenħtieġ li ma jiġux*** affettwati mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, filwaqt li wieħed iżomm f' moħħu li l-kwistjonijiet ġudizzjarji huma kompetenza nazzjonali***.

Or. ro

Emenda 98
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċerti regoli li taħthom l-awtoritajiet tal-infurzar, li jkunu ġew maħtura mill-Istati Membri tagħhom bħala responsabbli għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel skont id-Direttiva (UE) 2019/633, jikkooperaw u jikkoordinaw azzjonijiet ma' xulxin.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċerti regoli li taħthom l-awtoritajiet tal-infurzar, li jkunu ġew maħtura mill-Istati Membri tagħhom bħala responsabbli għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel skont id-Direttiva (UE) 2019/633, jikkooperaw u jikkoordinaw azzjonijiet ma' xulxin. ***L-għan tar-regoli huwa li jiġu miġġielda prattiki kummerċjalment inaċċettabbli f'kuntratti stabbiliti minn qabel bejn il-fornituri u x-xerrejja. Ir-regoli għandhom jiġu infurzati b'rispett sħiħ għas-sovranità tal-Istati Membri u għad-dritt ta' kull awtorità tal-infurzar li topponi kwalunkwe kooperazzjoni li tista' ddgħajjef il-politika ekonomika pubblika nazzjonali.***

Or. fr

Emenda 99
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċerti regoli li ***taħthom*** l-awtoritajiet tal-infurzar, li jkunu ġew ***maħtura*** mill-Istati Membri tagħhom bħala responsabbli għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***tal-ikel*** skont id-Direttiva (UE) 2019/633, jikkooperaw u jikkoordinaw azzjonijiet ma' xulxin.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċerti regoli li ***skonthom*** l-awtoritajiet tal-infurzar, li jkunu ġew ***iddeżinjati*** mill-Istati Membri tagħhom bħala responsabbli għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***alimentari*** skont id-Direttiva (UE) 2019/633, jikkooperaw u jikkoordinaw azzjonijiet ma' xulxin ***u mal-Kummissjoni, sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi tiġi żgurata l-konformità u ssalvagwardjati l-kompetizzjoni soda u l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq intern***.

Or. en

Emenda 100
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***tal-ikel*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera.	Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***alimentari*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera***, li jokkorru b'rabta mal-bejgħ ta' prodotti agrikoli u alimentari bejn ix-xerrejja u l-fornituri msemmija fl-***

Artikolu 1(2) tad-Direttiva (UE) 2019/633, b'mod partikolari meta joriġinaw minn operaturi li l-prattiki tagħhom għandhom komponent transfruntier inerenti bħal dawk ta' alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut.

Or. en

Emenda 101
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera.	Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera ***li jokkorru fi ħdan l-UE b'rabta mal-bejgħ ta' prodotti agrikoli u alimentari bejn ix-xerrejja u l-forniturimsemmija fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva (UE) 2019/633***.

Or. fr

Emenda 102
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***tal-ikel*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni	Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***alimentari*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni

transfruntiera.	transfruntiera ***li jokkorri fil-bejgħ ta' prodotti agrikoli u alimentari meta jew il-fornitur inkella x-xerrej, jew it-tnejn li huma, ikunu stabbiliti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva (UE) 2019/633***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premessa 12 tad-Direttiva (UE) 2019/633 dwar il-prattiki kummerċjali inġusti (UTP) tiddikjara b'mod ċar li "...fornituri stabbiliti barra mill-Unjoni jenħtieġ li jgawdu wkoll mill-protezzjoni minn prattiki kummerċjali inġusti meta jbigħu prodotti agrikoli alimentari fl-Unjoni.". Huwa essenzjali li jinżamm dan l-aspett fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta l-ġdida biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tas-suq ġusti bejn il-produtturi tal-UE u dawk mhux tal-UE filwaqt li jiġu promossi relazzjonijiet kummerċjali etiċi u sostenibbli. L-ispeċifikazzjoni tad-dimensjoni transfruntiera se żżid il-konformità mal-Artikolu

1(2) tad-Direttiva 2019/633 dwar l-UTP.

Emenda 103
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***tal-ikel*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera.	Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***alimentari*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera***, b'mod partikolari meta joriġinaw minn operaturi li l-prattiki tagħhom għandhom komponent transfruntier inerenti bħal dawk ta' alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut***.

Or. en

Emenda 104
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***tal-ikel*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera.	Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***alimentari*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera ***b'mod partikolari meta joriġinaw minn operaturi li l-prattiki tagħhom għandhom komponent transfruntier inerenti bħal dawk ta' alleanzi Ewropej tal-bejgħ bl-imnut***.

Or. en

Emenda 105
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***tal-ikel*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera.	Dan ir-Regolament japplika għall-infurzar tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti f'relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u ***alimentari*** stabbilita fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 b'dimensjoni transfruntiera ***u abbażi tal-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2019/633***.

Or. en

Emenda 106
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Madankollu, l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament japplika wkoll fir-rigward tar-regoli nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633 jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu.	***imħassar***

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, din id-dispożizzjoni għandha titħassar. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li tiffoka fuq prattiki kummerċjali inġusti li huma pprojbiti madwar l-UE skont id-Direttiva (UE) 2019/633.

Emenda 107
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament japplika wkoll fir-rigward tar-regoli nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633 jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu.	Madankollu, l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament japplika wkoll fir-rigward tar-regoli nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633 jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu. ***F'dan ir-rigward, u f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, awtorità tal-infurzar tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għall-assistenza jekk l-akkuża ta' prattika inġusta tkun naqset milli tqis speċifiċità nazzjonali.***

Or. fr

Emenda 108
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament japplika wkoll fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***skont it-tifsira*** tal-Artikolu ***9*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk f'konformità ***mal-paragrafu 4 ta' dak*** l-Artikolu.	Madankollu, l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament japplika wkoll fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***adottati abbażi tal-Artikolu 3(1), il-punt (b), it-tielet sentenza jew miżmuma jew adottati abbażi*** tal-Artikolu ***3(1)*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk f'konformità ***mal-Artikolu 5(4) ta' dan ir-Regolament.*** L-Artikolu ***20a ta' dan ir-Regolament japplika fir-rigward ta' prattiki kummerċjali inġusti li jinvolvu xerrejja stabbiliti barra mill-Unjoni***.

Or. en

Emenda 109
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kull Stat Membru għandu jieħu l-passi amministrattivi u ġudizzjarji xierqa biex jipprevjeni jew iwaqqaf il-prattiki kummerċjali inġusti, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633, b'dimensjoni transfruntiera li jitwettqu b'mod totali jew parzjali f'dak l-Istat Membru. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/633 l-intervent u l-kooperazzjoni għandhom jiġu infurzati mill-awtoritajiet ikkonċernati skont il-prinċipju ta' effettività akbar.

Or. en

Emenda 110
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "awtorità tal-infurzar" tfisser ***l-awtorità*** nazzjonali jew ***l-awtoritajiet*** nazzjonali ***maħtura*** minn Stat Membru skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2019/633;	(a) "awtorità tal-infurzar" tfisser ***awtorità*** nazzjonali jew ***awtoritajiet*** nazzjonali ***dežinjati*** minn Stat Membru skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2019/633;

Or. en

Emenda 111
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "awtorità tal-infurzar applikanti" tfisser l-awtorità tal-infurzar li tagħmel talba għal assistenza reċiproka;	(b) "awtorità tal-infurzar applikanti" tfisser l-awtorità tal-infurzar li tagħmel talba għal assistenza reċiproka; ***l-applikazzjonijiet se jgħaddu mill-punt uniku ta' kuntatt dežinjat abbażi tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari;***

Or. en

Emenda 112
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "awtorità tal-infurzar applikanti" tfisser ***l-awtorità*** tal-infurzar li tagħmel talba għal assistenza reċiproka;	(b) "awtorità tal-infurzar applikanti" tfisser ***awtorità*** tal-infurzar li tagħmel talba għal assistenza reċiproka;

Or. en

Emenda 113
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "awtorità tal-infurzar mitluba" tfisser l-awtorità tal-infurzar li tirċievi talba għal assistenza reċiproka;	(c) "awtorità tal-infurzar mitluba" tfisser l-awtorità tal-infurzar li tirċievi talba għal assistenza reċiproka; ***il-komunikazzjonijiet se jgħaddu minn punt uniku ta' kuntatt dežinjat abbażi tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari;***

Or. en

Emenda 114
David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti***;***	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti ***jew bejn Stat Membru u attur ta' pajjiż terz kopert mid-Direttiva. Dan għandu jinkludi wkoll kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta li tkun koperta minn regoli nazzjonali aktar stretti li jikkwalifikaw bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 593/2008.***

Or. en

Emenda 115
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti;	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti ***jew kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta koperta minn regoli nazzjonali aktar stretti li jikkwalifikaw bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 593/2008***;

Or. es

Emenda 116
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti;	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti ***jew kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta koperta minn regoli nazzjonali aktar stretti li jikkwalifikaw bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti 4 fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 593/2008***;

Or. en

Emenda 117
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti;	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti ***jew kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta koperta minn regoli nazzjonali aktar stretti li jikkwalifikaw bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 593/2008***;

Or. en

Emenda 118
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi ***fornitur wieħed u*** xerrej ***wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti***;	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi ***jew fornitur inkella*** xerrej***, jew it-tnejn li huma, stabbiliti fl-Unjoni skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2019/633***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2019/633, id-dimensjoni transfruntiera għandha tapplika għall-bejgħ meta jew il-fornitur inkella x-xerrej, jew it-tnejn

li huma, ikunu stabbiliti fl-Unjoni.

Emenda 119
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali ***inġusta*** b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti;	(d) "prattika kummerċjali ***żleali*** b'dimensjoni transfruntiera" tfisser ***kwalunkwe*** kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta skont it-tifsira ***tal-Artikolu 3*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu fi Stati Membri differenti;

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, din id-dispożizzjoni għandha tiġi ċċarata. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar jenħtieġ li tiffoka fuq prattiki kummerċjali inġusti li huma pprojbiti madwar l-UE skont id-Direttiva (UE) 2019/633.

Emenda 120
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li ***jinsabu fi*** Stati Membri differenti;	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li ***jkunu stabbiliti f'żewġ*** Stati Membri differenti;

Or. en

Emenda 121

Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li ***jinsabu*** fi Stati Membri differenti;	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li ***jkunu stabbiliti*** fi Stati Membri differenti;

Or. en

Emenda 122
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera" ***tfisser*** kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu ***fi*** Stati Membri differenti;	(d) "prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera"***:*** kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi fornitur wieħed u xerrej wieħed li jinsabu ***f'żewġ*** Stati Membri differenti;

Or. fr

Emenda 123
Carmen Crespo Díaz

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Fid-Direttiva (UE) 2019/633 inkludi l-impożizzjoni unilaterali tal-imballaġġ mix-xerrej bħala prattika inġusta jew saħħaħ l-obbligu li

kwalunkwe spiża jew rekwiżit addizzjonali — bħat-tip ta' imballaġġ — jiġu nnegozjati minn qabel u b'mod ġust.

Or. es

Emenda 124
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri;	(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri***, jew li taffettwa lil fornituri stabbiliti f'diversi Stati Membri li l-output ikkombinat tagħhom jirrappreżenta sehem sinifikanti tal-produzzjoni totali tal-UE tal-prodott inkwistjoni***;

Or. en

Emenda 125
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri;	(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri ***jew f'każijiet li jinvolvu Stat Membru u atturi mhux tal-UE***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2019/633 dwar l-UTP, id-dimensjoni transfruntiera għandha tapplika għall-bejgħ meta l-fornitur jew ix-xerrej, jew it-tnejn li huma, ikunu stabbiliti fl-Unjoni.

Emenda 126
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri;	(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi ***fornituri u xerrejja stabbiliti*** mill-anqas ***fi*** tliet Stati Membri;

Or. en

Emenda 127
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***skont it-tifsira*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi mill-anqas tliet Stati Membri;	(e) "prattika kummerċjali inġusta mifruxa b'dimensjoni transfruntiera" tfisser kwalunkwe prattika kummerċjali inġusta ***fis-sens*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 li tinvolvi ***partijiet stabbiliti*** mill-anqas ***fi*** tliet Stati Membri;

Or. en

Emenda 128
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni li ma tistax, jew li ma tistax ***tibqa'*** tiġi appellata aktar b'mezzi ordinarji.	(f) "Deċiżjoni finali" tfisser deċiżjoni li ma tistax ***tiġi appellata***, jew li ma tistax tiġi appellata aktar b'mezzi ordinarji ***quddiem il-qrati nazzjonali jew istanzi internazzjonali kompetenti oħra***.

Or. en

Emenda 129
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(Fa) (g) "koordinatur" tfisser awtorità tal-infurzar minn Stat Membru fejn l-entità li tikser id-Direttiva (UE) 2019/633 jkollha l-uffiċċju prinċipali jew iċ-ċentru tal-operazzjonijiet tagħha fl-UE

Or. pl

Emenda 130
Martin Häusling, David Cormand
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) "Persuna Responsabbli tal-UE" tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tinħatar minn xerrej mhux tal-UE biex tassumi r-responsabbiltà skont l-Artikolu 2(4)

Or. en

Emenda 131
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Prinċipju ġenerali
	L-Istati Membri għandhom jieħdu passi amministrattivi u ġudizzjarji xierqa biex jipprevjenu jew iwaqqfu l-prattiki kummerċjali inġusti msemmija fl-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633 li għandhom dimensjoni transfruntiera u li jitwettqu għalkollox jew parzjalment fit-territorji rispettivi tagħhom.

Or. fr

Emenda 132
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***; L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet tal-infurzar ikollhom biżżejjed riżorsi biex jippromwovu s-sensibilizzazzjoni, jikkondividu l-informazzjoni u jipprovdu servizzi ta' konsulenza dwar il-proċess tal-ilmenti fl-UE u mal-korpi regolatorji ta' pajjiżi terzi, il-bordijiet nazzjonali tal-esportazzjoni, u l-ambaxxati u d-Delegazzjonijiet tal-UE***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-infurzar tad-Direttiva 2019/633 dwar l-UTP għadu dgħajjef, b'rati baxxi ta' lmenti, spiss minħabba nuqqas ta' għarfien jew biża' ta' ritaljazzjoni. Din il-kwistjoni hija saħansitra aktar evidenti għall-forniturі mhux tal-UE.

Emenda 133
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien espert ***meħtieġa*** għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikollhom ir-riżorsi ***meħtieġa, inklużi dawk tekniċi, finanzjarji u r-riżorsi umani,*** u l-għarfien espert għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 134
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***, u jipprovdu servizz ta' konsulenza fejn applikabbli***.

Or. fr

Emenda 135
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a - Kunfidenzjalità tal-informazzjoni
	1.Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-infurzar għandu jkollhom is-setgħa li jipprovdu informazzjoni lil xulxin u jużaw bħala evidenza kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi, inkluża informazzjoni kunfidenzjali.
	2.L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss f'evidenza għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u b'rispett għas-suġġett li għalih inġabret mill-awtorità tal-infurzar mitluba.
	3.L-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 għandha tintuża biss mill-awtoritajiet tal-infurzar b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew persuna ġuridika, inkluża l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.
	4. F'każijiet fejn ilmentatur jitlob il-protezzjoni tal-informazzjoni skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2019/633, l-awtorità tal-infurzar li tirċievi l-ilment għandha titlob il-qbil tal-ilmentatur biex tipprovdi l-informazzjoni protetta lil awtorità tal-infurzar oħra.

Or. en

Emenda 136
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Huma għandhom jipprovdu wkoll riżorsi umani u finanzjarji adegwati għal sensibilizzazzjoni proattiva tal-forniturі dwar id-drittijiet tagħhom skont dan ir-

Regolament.

Or. en

Emenda 137
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Kunfidenzjalità tal-informazzjoni
	1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-infurzar għandu jkollhom is-setgħa li jipprovdu informazzjoni lil xulxin u jużaw din l-informazzjoni bħala evidenza fi kwalunkwe punt ta' fatt jew liġi, inkluża informazzjoni kunfidenzjali.
	2. L-informazzjoni skambjata bejn l-awtoritajiet tista' tintuża biss bħala evidenza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u biss b'rabta mas-suġġett li għalih inġabret mil-awtorità tal-infurzar mitluba.
	3. L-awtoritajiet tal-infurzar għandhom jużaw l-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi leġittimi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali, tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u ta' informazzjoni sensittiva oħra.
	4. F'sitwazzjonijiet fejn ilmentatur jitlob protezzjoni tal-informazzjoni skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2019/633, l-awtorità tal-infurzar li tirċievi l-ilment għandha tfittex il-kunsens espliċitu tal-ilmentatur għat-trażmissjoni tal-informazzjoni protetta lil awtorità nazzjonali oħra.
	5. Meta tkun meħtieġa t-trażmissjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali bejn l-awtoritajiet, tali trażmissjoni titwettaq

esklużivament abbażi ta' proċedura standardizzata, bi kriterji ċari dwar l-għan, in-neċessità u l-proporzjonalità tat-trażmissjoni. Il-proċedura għandha tiżgura li l-istess livell ta' protezzjoni tal-informazzjoni jiġi rispettat fl-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-awtorità riċeventi, filwaqt li jiġu rrispettati r-regoli tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-Direttiva (UE) 2016/943.

6. Meta awtorità tirrifjuta espliċitament li tibgħat informazzjoni lil awtorità oħra, hija obbligata tinforma lill-ilmentatur dwar id-drittijiet u r-rimedji tagħha, u tipprovdi ġustifikazzjoni dettaljata għad-deċiżjoni tagħha kemm lill-awtorità li t-talba tagħha tiġi rrifjutata kif ukoll lill-ilmentatur.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21 li jistabbilixxu l-proċedura standardizzata għat-trażmissjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali msemmija fil-paragrafu (5).

Or. ro

Emenda 138
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Ilmenti u kunfidenzjalità
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jimplimentaw dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-infurzar ma jimponux imposti addizzjonali fuq il-forniturі biex jibdew proċedura.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, l-awtorità tal-infurzar għandha tieħu l-miżuri neċessarji għall-protezzjoni transfruntiera tal-identità tal-ilmentatur

jew il-membri tal-organizzazzjonijiet jew fornituri u għall-protezzjoni transfruntiera adatta ta' kwalunkwe informazzjoni oħra li fir-rigward tagħha l-ilmentatur iqis li d-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni tkun dannuża għall-interessi tal-organizzazzjonijiet jew fornituri. L-ilmentatur għandu jidentifika kull informazzjoni li dwarha jkun qed jitlob il-kunfidenzjalità.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità tal-infurzar tipprovdi l-possibbiltà li jitressqu lmenti anonimizzati.

Or. nl

Emenda 139
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Kunfidenzjalità tal-informazzjoni
	1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-infurzar għandu jkollhom is-setgħa li jipprovdu informazzjoni lil xulxin u jużaw bħala evidenza kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi, inkluża informazzjoni kunfidenzjali.
	2. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss f'evidenza għall-fini tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u b'rispett għas-suġġett li għalih inġabret mill-awtorità tal-infurzar mitluba.

Or. en

Emenda 140
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Kunfidenzjalità tal-informazzjoni
	1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-infurzar għandu jkollhom is-setgħa li jipprovdu informazzjoni lil xulxin u jużaw bħala evidenza kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi, inkluża informazzjoni kunfidenzjali. 2. L-informazzjoni skambjata mill-awtoritajiet tal-infurzar għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandha tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi leġittimi tal-forniturі.

Or. en

Emenda 141
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	Sensibilizzazzjoni
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi agrikoli jiġu infurmati b'mod attiv dwar il-possibbiltajiet li jressqu lmenti dwar prattiki kummerċjali inġusti u prattiki kummerċjali inġusti transfruntiera.
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar id-dettalji tal-awtoritajiet kompetenti u l-kundizzjonijiet u t-tul ta' żmien tal-proċedura.

Or. nl

Emenda 142
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien 60 jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ.	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien 60 jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ. ***L-awtorità tal-infurzar mitluba tista', jekk tqis li jkun meħtieġ, ikollha t-tweġiba tagħha vvalidata minn awtorità ġudizzjarja nazzjonali kompetenti biex tiżgura l-aħjar infurzar possibbli tal-liġi nazzjonali tagħha. Meta tiġi kkonsultata awtorità ġudizzjarja kompetenti, l-iskadenza ta' 60 jum tiġi sospiża sakemm tinħareġ deċiżjoni.***

Or. fr

Emenda 143
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien ***60*** jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien ***45*** jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-

infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ.	infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ.

Or. ro

Emenda 144
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien ***60*** jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ.	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien ***90*** jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ.

Or. en

Emenda 145
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien ***60*** jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, awtorità tal-infurzar mitluba għandha, mingħajr dewmien, u fi żmien ***45*** jum sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, tipprovdi lill-awtorità tal-infurzar applikanti bl-informazzjoni mitluba biex tistabbilixxi jekk prattika kummerċjali inġusta fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti b'dimensjoni transfruntiera tkunx seħħet jew tkunx

qiegħda sseħħ.	qiegħda sseħħ.

Or. ro

Emenda 146
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħabar biss mill-awtorità tal-infurzar mitluba u tintuża mill-awtorità tal-infurzar applikanti f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha.	3. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħabar biss mill-awtorità tal-infurzar mitluba u tintuża mill-awtorità tal-infurzar applikanti f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha ***u f'konformità mal-GDPR***.

Or. ro

Emenda 147
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħabar biss mill-awtorità tal-infurzar mitluba u tintuża mill-awtorità tal-infurzar applikanti f'konformità mal-liġi nazzjonali ***tagħha***.	3. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħabar biss mill-awtorità tal-infurzar mitluba u tintuża mill-awtorità tal-infurzar applikanti f'konformità mal-liġi nazzjonali ***rispettiva tagħhom***.

Or. en

Emenda 148
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħabar biss mill-awtorità tal-infurzar mitluba u tintuża mill-awtorità tal-infurzar applikanti f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha.	3. L-informazzjoni pprovduta għandha tingħabar biss mill-awtorità tal-infurzar mitluba u tintuża mill-awtorità tal-infurzar applikanti f'konformità mal-liġi nazzjonali ***rispettiva*** tagħha.

Or. fr

Emenda 149
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Jekk l-awtorità tal-infurzar mitluba ma jkollhiex l-informazzjoni mitluba, it-tweġiba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tkun limitata għal indikazzjoni li l-informazzjoni mhijiex disponibbli.

Or. fr

Emenda 150
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633.	***imħassar***
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-	

raġunijiet għar-rifjut.

Or. nl

Ġustifikazzjoni

Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, din id-dispożizzjoni għandha titħassar. Il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar għandha tiffoka fuq prattiki kummerċjali inġusti li huma pprojbiti madwar l-UE skont id-Direttiva (UE) 2019/633.

Emenda 151
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***skont it-tifsira*** tal-Artikolu ***9*** tad-Direttiva (UE) 2019/633.	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***adottati abbażi tal-Artikolu 3(1), il-punt (b), it-tielet sentenza jew abbażi*** tal-Artikolu ***9(1)*** tad-Direttiva (UE) 2019/633. ***Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, hija għandha:*** ***(a) tiddikjara dan ir-Regolament bħala bażi ġuridika;*** ***(b) tindika l-liġi nazzjonali li tistabbilixxi l-projbizzjoni tal-prattika kummerċjali inġusta kkonċernata li tmur lil hinn mid-Direttiva (UE) 2019/633, u jekk dik il-liġi nazzjonali tkunx ibbażata fuq l-Artikolu 3(1), il-punt (b), it-tielet sentenza jew l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva (UE) 2019/633;*** ***(c) tiddeskrivi l-fini tat-talba;*** ***(d) tiddeskrivi l-prattika kummerċjali inġusta kkonċernata u tispeċifika kif din tmur lil hinn mid-Direttiva (UE) 2019/633;*** ***(e) tispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa.***

Or. en

Emenda 152
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***skont it-tifsira*** tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633.	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***fis-sens*** tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633 ***li ma jikkwalifikawx bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008***.

Or. en

Emenda 153
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***skont it-tifsira*** tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633.	L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***fis-sens*** tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633 ***li ma jikkwalifikawx bħala dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 593/2008***.

Or. en

Emenda 154
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***skont it-tifsira*** tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633.	***Għajr fiċ-ċirkostanzi fil-paragrafu 5,*** l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-awtoritajiet tal-infurzar jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali ***fis-sens*** tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. en

Emenda 155
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nemmnu li l-fatt li awtorità titħalla tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni lil awtorità oħra, jikkomprometti l-objettivi stess tal-proposta, li huma li tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni transfruntiera permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-proposta l-ġdida dwar il-kooperazzjoni ma għandhiex tikkomprometti r-regolamenti nazzjonali dwar l-UTP. Dan jikkontradixxi l-għan ġenerali tad-Direttiva li tiġġieled kontra l-prattiki kummerċjali inġusti u l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-UTP.

Emenda 156
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.	Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut. ***L-awtorità tal-infurzar mitluba għandha tiġġustifika r-rifjut tagħha bi tweġiba motivata, fi żmien il-perjodu stabbilit fl-ewwel paragrafu. Deċiżjoni li jiġi miċħud l-ilment għandha tkun soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, u l-fornituri affettwati jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu intitolati li jikkontestaw ir-rifjut quddiem awtorità kompetenti.***

Or. en

Emenda 157
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.	Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet ***oġġettivi*** għar-rifjut. ***Jekk l-awtorità tal-infurzar tal-liġi mitluba tipprovdi informazzjoni lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi rikjedenti parzjalment biss, hija trid tindika r-raġunijiet għat-tweġiba mhux kompluta.***

Or. ro

Emenda 158
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.	***5.*** Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut. ***B'mod partikolari, is-subparagrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u kummerċjali.***

Or. pl

Emenda 159
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.	Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut ***abbażi ta' dan ir-Regolament***.

Or. ro

Emenda 160
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.	Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut ***mingħajr dewmien u fi żmien 30 jum***.

Or. fr

Emenda 161
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba ***tista' tirrifjuta li tipprovdi*** informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.	Meta awtorità tal-infurzar applikanti tagħmel użu mill-possibbiltà prevista fis-subparagrafu 1, l-awtorità tal-infurzar mitluba ***għandha tipprovdi, fi żmien 90 jum,*** informazzjoni, filwaqt li tindika r-raġunijiet għar-rifjut.

Or. en

Emenda 162
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-awtorità tal-infurzar tal-liġi mitluba ma jkollhiex l-informazzjoni mitluba, it-tweġiba msemmija fil-paragrafu (1) għandha tindika n-nuqqas ta' tali informazzjoni.
	F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kkonċernata tista' tiddeċiedi, fuq inizjattiva tagħha stess, li tikseb l-informazzjoni meħtieġa, tinnotifika lill-

awtorità tal-infurzar tal-liġi rikjedenti bil-bidu tal-investigazzjoni u sussegwentement tibgħat it-tieni tweġiba aġġornata.

Or. ro

Emenda 163
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra prattiki kummerċjali inġusti, għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu proċedurali speċjali li jippermetti l-prijoritizzazzjoni ta' talbiet urġenti ppreżentati mill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra.

Or. ro

Emenda 164
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21 li jistabbilixxu l-mekkaniżmu proċedurali speċjali għall-prijoritizzazzjoni ta' talbiet urġenti previsti fil-paragrafu 4a.

Or. ro

Emenda 165
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Kunfidenzjalità tal-informazzjoni
	1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-infurzar għandhom jipprovdu lil xulxin b'informazzjoni u jużaw bħala evidenza kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' liġi, inkluża informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva, sakemm awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ma tkunx ħadet deċiżjoni motivata kuntrarja.
	2. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss f'evidenza għall-fini esklużivi tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u fir-rigward tas-suġġett li għalih inġabret mill-awtorità tal-infurzar.
	3. L-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tintuża biss mill-awtoritajiet tal-infurzar b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluża l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.
	4. Meta waħda mill-partijiet titlob il-protezzjoni tal-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2019/633, l-awtorità tal-infurzar applikanti għandha titlob il-permess espliċitu tal-parti kkonċernata biex tirċievi jew, fejn xieraq, tibgħat l-informazzjoni kkonċernata.
	Or. fr

Emenda 166
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament

Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Fuq l-inizjattiva ta' awtorità kompetenti jew ta' Stat Membru, jista' jintalab li:
	(a) l-awtorità tal-infurzar rikjedenti tirtira talba skont l-Artikolu 5(4); u (b) jekk l-informazzjoni tkun diġà ġiet ipprovduta, l-awtorità tal-infurzar mitluba tirtira l-informazzjoni pprovduta, meta tkun qed titwettaq valutazzjoni dwar jekk ir-regoli nazzjonali msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633 humiex kompatibbli mar-regoli li jirregolaw il-funzjonament tas-suq intern, jew meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li tali regoli nazzjonali mhumiex kompatibbli ma' dawk ir-regoli.

Or. en

Emenda 167
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5b
	Obligazzjonijiet ta' trasparenza
	1. F'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/633, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni xierqa tal-identità tal-ilmentatur jew tal-membri jew tal-forniturі. Madankollu, fl-interessi tat-trasparenza u tal-ġustizzja, l-awtorità tal-infurzar applikanti għandha tinforma lill-entità kkonċernata jew lix-xerrej ikkonċernat li jkunu nbdew proċedimenti, filwaqt li tindika mill-anqas il-prattika/i allegata/i, mingħajr ma tiżvela l-ebda informazzjoni speċifika li tista' taffettwa

b'mod negattiv lill-ilmentatur(i).

2. L-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar għandhom jinfurmaw lill-partijiet kollha dwar il-passi fil-proċedimenti, inkluż meta ssir talba għal assistenza reċiproka skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament, jew meta jkun hemm rifjut ta' konformità ma' talba għal assistenza reċiproka f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 168
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba u f'isem awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità tal-infurzar mitluba ***għandha*** teżerċita, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru tagħha, is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 6(1),l- ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), tad-Direttiva (UE) 2019/633.	1. Fuq talba u f'isem awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità tal-infurzar mitluba ***tista'*** teżerċita, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru tagħha, is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 6(1),l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), tad-Direttiva (UE) 2019/633. ***Kwalunkwe talba għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda mill-awtorità tal-infurzar ta' Stat Membru ieħor tista' tkun soġġetta għal validazzjoni minn qabel minn qorti nazzjonali kompetenti fl-Istat Membru tal-awtorità mitluba qabel l-infurzar tagħha.***

Or. fr

Emenda 169
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ***u f'isem*** awtorità tal-	1. Fuq talba ***ta'*** awtorità tal-infurzar

infurzar applikanti, l-awtorità tal-infurzar mitluba għandha teżerċita, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru tagħha, is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 6(1),***l- ewwel*** subparagrafu, il-punti (a), (b) ***u (c),*** tad-Direttiva (UE) 2019/633.	applikanti ***u f'isimha***, l-awtorità tal-infurzar mitluba għandha teżerċita, f'konformità mar-regoli nazzjonali tal-Istat Membru tagħha, is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 6(1), ***l-ewwel*** subparagrafu, il-punti (a), (b)***, (c), u (d)*** tad-Direttiva (UE) 2019/633***, u mal-liġi nazzjonali tagħha***.

Or. en

Emenda 170
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta awtorità tal-infurzar mitluba teżerċita s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) ***u (c),*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 fuq talba u f'isem awtorità tal-infurzar applikanti, l-uffiċjali u persuni oħrajn li jakkumpanjawhom awtorizzati jew maħtura mill-awtorità tal-infurzar applikanti għandhom jitħallew jattendu u jassistu lill-awtorità tal-infurzar mitluba, taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali tal-awtorità tal-infurzar mitluba.	2. Meta awtorità tal-infurzar mitluba teżerċita s-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b)***, (c), u (d)*** tad-Direttiva (UE) 2019/633 fuq talba u f'isem awtorità tal-infurzar applikanti, l-uffiċjali u persuni oħrajn li jakkumpanjawhom awtorizzati jew maħtura mill-awtorità tal-infurzar applikanti għandhom jitħallew jattendu u jassistu lill-awtorità tal-infurzar mitluba, taħt is-superviżjoni tal-uffiċjali tal-awtorità tal-infurzar mitluba.

Or. en

Emenda 171
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità tal-infurzar mitluba għandha tinforma lill-awtorità tal-infurzar applikanti dwar il-passi u l-miżuri meħuda u l-passi u l-miżuri li beħsiebha tieħu.	3. L-awtorità tal-infurzar mitluba għandha tinforma lill-awtorità tal-infurzar applikanti ***mingħajr dewmien*** dwar il-passi u l-miżuri meħuda u l-passi u l-miżuri li beħsiebha tieħu.

Or. en

Emenda 172
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi ta' prattiki kummerċjali inġusti minn korpi ta' xiri transfruntiera, l-awtoritajiet tal-infurzar iridu, fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, iwettqu investigazzjonijiet speċifiċi bil-ħsieb li jidentifikaw strateġiji ta' tnaqqis tal-marġni agrikoli u ta' approprjazzjoni tal-valur miżjud. L-investigazzjonijiet iridu jinkludu analiżi komparattiva tal-prezzijiet stabbiliti mill-korpi tax-xiri fid-diversi Stati Membri u jidentifikaw prattiki li jistgħu jikkostitwixxu abbuż minn pożizzjoni dominanti jew rikatt kuntrattwali.

Or. fr

Emenda 173
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	L-awtoritajiet tal-infurzar ma jistgħux jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. en

Emenda 174
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu multi jew penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633.	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu multi jew penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633. ***Kwalunkwe talba għall-infurzar ta' deċiżjoni meħuda mill-awtorità tal-infurzar ta' Stat Membru ieħor tista' tkun soġġetta għal validazzjoni minn qabel minn qorti nazzjonali kompetenti fl-Istat Membru tal-awtorità mitluba qabel l-infurzar tagħha.***

Or. fr

Emenda 175
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu multi jew penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633.	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu multi jew penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633. ***Il-multi imposti fuq xerrejja mhux tal-UE skont dan ir-Regolament għandhom ikunu infurzabbli kontra l-Persuna Responsabbli tal-UE tagħhom. Il-qrati nazzjonali għandhom***

jirrikonoxxu tali responsabbiltà bħala vinkolanti in solidum.

Or. en

Emenda 176
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu multi jew penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633.	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu multi jew penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633 ***mill-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti***.

Or. en

Emenda 177
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu ***multi jew*** penali u miżuri interim oħrajn ***li jkunu ugwalment effettivi*** adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633.	1. Fuq talba ta' awtorità tal-infurzar applikanti, l-awtorità mitluba għandha tinforza, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, id-deċiżjonijiet finali li jimponu penali u miżuri interim oħrajn adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (e), tad-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. pl

Emenda 178
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. 1. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li jistabbilixxu sanzjonijiet u penali għall-ingaġġar fi prattiki kummerċjali inġusti, skont it-tifsira tad-Direttiva 2019/633, dment li tali regoli nazzjonali jkunu kompatibbli mar-regoli dwar il-funzjonament tas-suq intern.

Or. pl

Emenda 179
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss sal-punt li, wara li tkun għamlet sforzi raġonevoli fit-territorju tagħha stess, l-awtorità tal-infurzar applikanti tkun aċċertat li x-xerrej li kontrih huma infurzabbli l-multa u l-penali u l-miżuri interim l-oħrajn ma jkollux biżżejjed assi fit-territorju tal-Istat Membru ***tagħha***.	2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss sal-punt li, wara li tkun għamlet sforzi raġonevoli fit-territorju tagħha stess, l-awtorità tal-infurzar applikanti tkun aċċertat li x-xerrej li kontrih huma infurzabbli l-multa u l-penali u l-miżuri interim l-oħrajn ma jkollux biżżejjed assi fit-territorju tal-Istat Membru ***tal-awtorità tal-infurzar applikanti***.

Or. en

Emenda 180
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss ***sal-punt li***, wara li tkun għamlet sforzi raġonevoli fit-territorju tagħha ***stess***, ***l-awtorità tal-infurzar applikanti*** tkun aċċertat li ***x-xerrej*** li kontrih huma infurzabbli l-multa u ***l-penali u l-miżuri*** interim ***l-oħrajn*** ma jkollux biżżejjed assi fit-territorju tal-Istat Membru ***tagħha***.	2. ***Il-paragrafu*** Il-paragrafu 1 għandu japplika biss ***sa fejn l-awtorità tal-infurzar rikjedenti***, wara li tkun għamlet sforzi raġonevoli fit-territorju tagħha, tkun aċċertat li ***l-akkwirent*** li kontrih huma infurzabbli l-multa u ***sanzjonijiet u miżuri*** interim ***oħra*** ma jkollux biżżejjed assi fit-territorju tal-Istat Membru ***tiegħu stess***.
	Or. pl

Emenda 181
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kwistjonijiet dwar il-perjodi ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-multi, penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi għandhom ikunu rregolati mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-awtorità mitluba.	4. Kwistjonijiet dwar il-perjodi ta' limitazzjoni għall-infurzar tal-multi, penali u miżuri interim oħrajn li jkunu ugwalment effettivi għandhom ikunu rregolati mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-awtorità ***tal-infurzar*** mitluba.
	Or. en

Emenda 182
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Artikolu 7a - Spejjeż
	1.Fir-rigward tal-miżuri meħuda skont l-Artikolu 5 jew 6, meta mitluba mill-awtorità tal-infurzar mitluba, l-awtorità tal-infurzar applikanti għandha ġġarrab l-ispejjeż addizzjonali raġonevoli kollha, inklużi l-ispejjeż tat-traduzzjoni,

lavorattivi u amministrattivi, li jirriżultaw mit-talba.

2.L-awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirkupra l-ispejjeż kollha mġarrba fir-rigward tal-miżuri meħuda skont l-Artikolu 7 mill-pagamenti tal-multi miġbura f'isem l-awtorità tal-infurzar applikanti, inklużi l-ispejjeż tat-traduzzjoni, lavorattivi u amministrattivi.Jekk l-awtorità tal-infurzar mitluba ma jirnexxilhiex tiġbor il-multi, hija tista' titlob lill-awtorità applikanti biex tħallas l-ispejjeż imġarrba.

3.L-awtorità tal-infurzar mitluba għandha tirkupra l-ammonti dovuti fil-munita tal-Istat Membru tagħha, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha.

4. L-awtorità tal-infurzar mitluba għandha, jekk ikun meħtieġ, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħha, tikkonverti l-multi fil-munita tal-Istat Membru tagħha bir-rata tal-kambju li tapplika fid-data li fiha jkunu ġew imposti l-multi.

Or. en

Emenda 183
Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni għandha tadotta metodoloġija komuni
	(a) għall-kalkolu tal-livelli massimi u minimi tal-multi amministrattivi b'referenza għall-fatturat annwali tax-xerrej fl-UE u
	(b) għar-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' rkupru tal-ispejjeż, inklużi mekkaniżmi ta' ġbir transfruntier.

Or. en

Emenda 184
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	L-awtoritajiet tal-infurzar ma jistgħux jagħmlu użu mill-possibbiltajiet imsemmija f'dan l-Artikolu fir-rigward tar-regoli nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2019/633.

Or. en

Emenda 185
Martin Häusling
f'isem il-GruppVerts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awtorità tal-infurzar għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn kollha fi żmien xahar wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-okkorrenza ta' prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera fl-Istat Membru tagħha.	Awtorità tal-infurzar għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn kollha ***u lill-Kummissjoni*** fi żmien xahar wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-okkorrenza ta' prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera fl-Istat Membru tagħha. ***In-notifika għandha tinkludi sommarju tal-każ, il-partijiet involuti u l-miżuri korrettivi applikati, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità).***

Or. en

Emenda 186
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Awtorità tal-infurzar għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn kollha fi żmien ***xahar*** wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-okkorrenza ta' prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera fl-Istat Membru tagħha.	Awtorità tal-infurzar għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-infurzar l-oħrajn kollha fi żmien ***30 jum*** wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-okkorrenza ta' prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera fl-Istat Membru tagħha.

Or. ro

Emenda 187
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità tal-infurzar applikanti għandha, meta tagħmel talba għal assistenza reċiproka***, tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa biex tippermetti lill-awtorità tal-infurzar mitluba tissodisfa dik it-talba, inkluża kwalunkwe informazzjoni li tista' tinkiseb biss fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar applikanti.***	1. L-awtorità tal-infurzar applikanti għandha, meta tagħmel talba għal assistenza reċiproka***:***
	(a) tiddikjara bħala bażi ġuridika dan ir-Regolament, il-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2019/633, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2019/633, l-iskop tat-talba, inkluża deskrizzjoni tad-dimensjoni transfruntiera tal-allegata prattika kummerċjali inġusta, u tispeċifika l-informazzjoni mitluba skont l-Artikolu 5(1) jew il-miżuri tal-infurzar mitluba skont l-Artikoli 6 jew 7;
	(b) tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa biex tippermetti lill-awtorità tal-infurzar mitluba tissodisfa dik it-talba, inkluża kwalunkwe informazzjoni li tista' tinkiseb biss fl-Istat Membru tal-

awtorità tal-infurzar applikanti.

Or. en

Emenda 188
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-talbiet għal assistenza reċiproka u l-komunikazzjonijiet kollha marbuta magħhom għandhom isiru bil-miktub bl-użu ta' formoli standard.	2. It-talbiet għal assistenza reċiproka u l-komunikazzjonijiet kollha marbuta magħhom għandhom isiru bil-miktub bl-użu ta' formoli standard ***li jiżguraw li l-informazzjoni tiġi żvelata biss sa fejn ikun strettament meħtieġ u indispensabbli biex jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet jew qed isseħħ prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera***.

Or. en

Emenda 189
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-talbiet għal assistenza reċiproka u l-komunikazzjonijiet kollha marbuta magħhom għandhom isiru bil-miktub ***bl-użu ta'*** formoli standard.	2. It-talbiet għal assistenza reċiproka u l-komunikazzjonijiet kollha marbuta magħhom għandhom isiru bil-miktub ***u*** formoli standard ***għat-talbiet għal assistenza reċiproka għandhom jintużaw meta jkunu ġew stabbiliti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12***.

Or. en

Emenda 190

Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. It-talbiet u l-komunikazzjonijiet kollha taħt dan il-Kapitolu għandhom jiġu trażmessi esklużivament permezz tas-sistema elettronika sigura magħmula disponibbli mill-Kummissjoni għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 191
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati għal rimborż tal-ispejjeż għall-proċeduri mwettqa f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 12.

Or. pl

Emenda 192
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21 li jistabbilixxu l-formoli standard previsti fil-paragrafu 2.

Or. ro

Emenda 193
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu ***5*** biss jekk tapplika waħda minn dawn li ġejjin jew it-tnejn li huma:	1. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu ***5(1)*** biss jekk tapplika waħda minn dawn li ġejjin jew it-tnejn li huma:

Or. en

Emenda 194
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 5 biss jekk tapplika waħda minn dawn li ġejjin ***jew it-tnejn li huma***:	1. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 5 biss jekk tapplika ***mill-inqas*** waħda minn dawn li ġejjin:

Or. ro

Emenda 195
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 5 biss jekk tapplika waħda minn dawn li ġejjin ***jew it-***	1. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal informazzjoni skont l-Artikolu 5 biss jekk tapplika ***kwalunkwe*** waħda minn dawn li

tnejn li huma: ġejjin:

Or. en

Emenda 196
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-infurzar applikanti, l-informazzjoni mitluba ***ma hijiex*** meħtieġa mill-awtorità tal-infurzar applikanti biex tistabbilixxi jekk tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera;	(a) wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-infurzar applikanti, ***iż-żewġ awtoritajiet tal-infurzar jaqblu li*** l-informazzjoni mitluba ***mhijiex*** meħtieġa mill-awtorità tal-infurzar applikanti biex tistabbilixxi jekk tkunx seħħet jew tkunx qiegħda sseħħ prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera;

Or. en

Emenda 197
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-infurzar applikanti, l-informazzjoni mitluba ma ***hijiex*** meħtieġa mill-awtorità tal-infurzar applikanti biex ***tistabbilixxi*** jekk tkunx seħħet jew tkunx ***qiegħda sseħħ*** prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera;	(a) wara konsultazzjoni mal-awtorità tal-infurzar applikanti, ***iż-żewġ awtoritajiet tal-infurzar jiddeċiedu li*** l-informazzjoni mitluba ma ***tkunx*** meħtieġa mill-awtorità tal-infurzar applikanti biex ***jiġi stabbilit*** jekk tkunx seħħet jew tkunx ***qed isseħħ*** prattika kummerċjali inġusta b'dimensjoni transfruntiera;

Or. ro

Emenda 198
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-awtorità tal-infurzar li ssirilha t-talba tikkonkludi li l-għoti ta' informazzjoni jippreġudika r-regoli nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali u kummerċjali.

Or. pl

Emenda 199
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji kontra l-istess xerrej fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta quddiem l-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba jew tal-awtorità tal-infurzar applikanti.	(b) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji kontra l-istess xerrej fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta ***u għall-istess fornitur u għall-istess perjodu*** quddiem l-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba jew tal-awtorità tal-infurzar applikanti.

Or. en

Emenda 200
Cristina Maestre

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji kontra l-istess xerrej fir-rigward tal-istess prattika	(b) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji kontra l-istess xerrej fir-rigward tal-istess prattika

kummerċjali inġusta quddiem l-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba jew tal-awtorità tal-infurzar applikanti.	kummerċjali inġusta ***u għall-istess fornitur u għall-istess perjodu*** quddiem l-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba jew tal-awtorità tal-infurzar applikanti.

Or. en

Emenda 201
Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal miżuri ta' infurzar skont l-Artikoli 6 u 7 biss jekk, wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità tal-infurzar applikanti, tapplika waħda minn dawn li ġejjin ***jew japplikaw it-tnejn li huma***:	2. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal miżuri ta' infurzar skont l-Artikoli 6 u 7 biss jekk, wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità tal-infurzar applikanti ***u mal-Kummissjoni***, tapplika ***kwalunkwe*** waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 202
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal miżuri ta' infurzar skont ***l-Artikoli 6 u 7*** biss jekk, wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità tal-infurzar applikanti, tapplika waħda minn dawn li ġejjin ***jew japplikaw it-tnejn li huma***:	2. Awtorità tal-infurzar mitluba tista' tirrifjuta li tikkonforma ma' talba għal miżuri ta' infurzar skont ***l-Artikolu 6*** biss jekk, wara li tkun ikkonsultat mal-awtorità tal-infurzar applikanti, tapplika ***mill-anqas*** waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 203
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji**,** tkun ingħatat sentenza jew tkun intlaħqet soluzzjoni bil-qorti fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba;	(a) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji ***jew*** tkun ingħatat sentenza ***kontra l-istess xerrej fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta fil-konfront tal-istess fornitur,*** jew tkun intlaħqet soluzzjoni bil-qorti fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba;

Or. fr

Emenda 204
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji, tkun ingħatat sentenza jew tkun intlaħqet soluzzjoni bil-qorti fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba;	(a) ikunu diġà nbdew investigazzjonijiet kriminali jew proċedimenti ġudizzjarji, ***jew*** tkun ingħatat sentenza ***kontra l-istess xerrej fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta,*** jew tkun intlaħqet soluzzjoni bil-qorti fir-rigward tal-istess prattika kummerċjali inġusta quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità tal-infurzar mitluba;

Or. en

Emenda 205
Cristina Maestre

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
